**30 ta' Mejju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic. Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Simon Brincat

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Qorti – Leġittmu Kontradittur – Avukat Ġenerali – Prim' Ministru – Ministru**

*Ir-rikorrent kien qiegħed jilmenta li l-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u s-ssugwenti sentenza ta' dik il-Qorti kienu jilledu d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Prim 'Awla rritjenit lill-Ministru tal-Ġustizzja u Intern persuna leġittma biex joqogħdu in ġudizzju u lliberat lill-Prim Ministru u lill-Avukat Ġenerali mill-osservenza tal-ġudizzju. Il-Qorti Kostituzzjonali rrifomat billi ddikjarat lill-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali leġittimi kontradittur f'dan il-ġudizzju u lliberat mill-osservanza 'l-Ministru tal-Ġustizja u Intern.*

*Il-Prim Ministru kien il-leġittmu kontradittur f'kawża simili billi fil-persuna tiegħu huwa kien jirrapresenta l-Gvern. L-Avukat Ġenerali wkoll kien leġittimu kontradittur; il-posizzjoni tiegħu kienet ekwiparata ma' dik tal-Kummissarju tal-Pulizija f'kawżi simili, u kellu interess bħala parti in kawża.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors ta' Simon Brincat preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih ippremetta;

Illi huwa ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta u akkużat talli;

1. Fid-9 ta' Mejju, 1988 f'Bormla seraq *casette recorder* għad-dannu ta' Hector Mamo liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz;

2. Fl-istess ħin u lok seraq żewġ "*speakers*" għad-dannu ta' Anthony Busuttil liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz;

3. Fid-29 ta' April, 1988, f'Bormla seraq diversi oġġetti għad-dannu ta' missieru Alfred Brincat liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, valur u lok;

4. Fid-9 ta' Ġunju, 1988, f'Bormla seraq *amplifer* għad-dannu ta' Christopher Camilleri liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz;

5. Fid-9 ta' Marzu, 1988 f'Bormla ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ għad-dannu ta' Hector Mamo, Anthony Busuttil u Christopher Camilleri u;

6. F'dawn l-aħħar erba' xhur xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa u li;

7. Huwa kien reċidiv f'reat billi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tas-26 ta' Mejju, 1987 kien ġie misjub ħati ta' reat;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta fit-12 ta' Jannar, 1989, huwa kien ġie misjub ħati ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u ġie kkundannat sentejn priġunerija fuq l-ewwel erba' akkużi u sena priġunerija oħra talli kiser l-ordni tal-probation lilu mogħtija u l-ispejjeż ta' l-esperti nominati mill-Qorti fil-kawża;

Illi Simon Brincat b'rikors tal-24 ta' Jannar, 1989, appella minn din is-sentenza għal quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali billi ħass ruħu aggravat minnha;

Illi l-istess Simon Brincat ressaq tliet aggravji dwar is-sentenza appellata u ċjoè in-nullità ta' l-istess sentenza, li l-ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati talli kiser l-ordni ta' probation billi din ma kenitx ġiet mitluba tagħmel dan iżda ġiet biss mitluba biex tieħu konjizzjoni tal-fatt li kien reċediv f'reat u finalment li l-piena inflitta kienet eċċessiva;

Illi bil-kunsens ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-prosekuzzjoni u d-difiża fl-ewwel seduta quddiem dik il-Qorti kienu qalbu u ftehmu li l-ewwel tiġi trattata u deċiża l-kwistjoni tan-nullità tas-sentenza appellata u wara jkomplu jittrattaw fuq l-aggravji l-oħra ta' l-appellant. Dan jirriżulta ċar kemm mill-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu, 1989. Dan inhar in fatti ġiet trattata biss il-kwistjoni tan-nullità tas-sentenza appellata u l-kawża ġiet imħollija għat-22 ta' Mejju għall-kontinwazzjoni bil-fakoltà lill-partijiet jiskambjaw noti ta' riferenza dwar dan il-punt biss. F'din is-seduta l-partijiet irrimettu ruħhom għan-noti u l-kawża tħalliet għas-26 ta' Ġunju, 1989 għall-provediment li kellu jkun biss dwar in-nullità o meno tas-sentenza appellata;

Illi nonstante dan il-qbil bejn kulħadd u b'sorpriża kbira kemm għar-rikorrenti kif ukoll għall-prosekuzzjoni, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali minflok li fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ġunju, 1989 iddiferiet biss il-kwistjoni tan-nullità tas-sentenza u wara ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni u t-trattazzjoni ta' l-appellant fuq l-aggravji l-oħra jekk dehrilha li jkun il-każ, - qabdet u ddeċidiet il-mertu ta' l-appell ta' Simon Brincat u konfermat is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti. B'hekk ġie li r-rikorrent illum sab ruħu l-ħabs mingħajr ma ġiet mogħtija l-opportunità lilu li jiddefendi ruħu;

Illi r-rikorrent minħabba l-aġir ta' l-Onorabbli Qorti pre citata ma setax jiddefendi ruħu quddiemha u jittratta fuq l-aggravju tiegħu dwar is-sentenza appellata u li jitressqu u jixhdu x-xhieda opportuni in konnessjoni ma' l-istess. Dan l-aġir tal-Qorti fuq l-imsemmi jmur kontra dak li hemm provdut fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. In effetti, r-rikorrenti bis-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija ġie negat id-dritt tiegħu li jitratta dwar iż-żewġ aggravji tiegħu l-oħra. Dan kollu affettwa avversament id-dritt tar-rikorrenti tal-*Fair Hearing* u d-dritt li jiddefendi ruħu;

U talab li din il-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq l-imsemmi artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fosthom li tiddikjara li s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ġunju, 1989, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Simon Brincat et, hija nulla u bla ebda effett għar-raġunijiet aktar 'il fuq imsemmija;

Rat ir-risposta, fost oħrajn ta' l-Avukat Ġenerali;

Illi, kif jista' jiftiehem mir-rikors stess, l-esponenti ma għandu ebda interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni u ma huwiex leġittimu kontradittur dwar it-talbiet tar-rikorrent u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi huma m'humiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet tar-rikorrent u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Marzu, 1990, li biha (a) ċaħdet l-eċċezzjoni fuq imsemmija sollevata mill-intimat Onorevoli Deputat Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, bl-ispejjez relattivi kontra tiegħu; u (b) laqgħet l-eċċezzjoni msemmija sollevata mill-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali, u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u dan wara li;

"Ikkunsidrat dwar il-preġudizzjali msemmija illi;

1. Il-Kabinett tal-Ministri jkollu d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern. Il-Ministru jkun responsabbli ta' l-amministrazzjoni ta' xi dipartiment tal-Gvern (artikoli 79, 82(1) tal-Kostituzzjoni);

2. Il-Prim Ministru jista' jeżerċita kontroll ġenerali fuq id-dipartiment kollha tal-Gvern. B'danakollu jibqa' dejjem illi kull Ministru, fid-direzzjoni tad-dipartiment tiegħu, huwa awtonomu, u għandu r-responsabbiltà proprja u personali

quddiem it-terzi. Il-Prim Ministru mhuwiex persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern f'kawża li tinteressa dipartiment li mhuwiex kompriż fost dawk li huma assenjati taħt id-direzzjoni tiegħu (Vol. XLI.II.1030);

3. Il-Ministri huma kompriżi fil-kategorija ta' pubbliċi amministraturi, u bħala tali skond l-artikoli 786(1)(a) tal-Kapitolu 12, għandhom jiġu ritenuti persuni leġittimi biex joqogħdu f'kawża li tinteressa dipartiment li jaqa' taħt il-Ministeru tagħhom (Vol. XLI.I.385). Kull wieħed mill-Ministri għandu interess li jkun f'kawża li tirrigwarda xi wieħed mid-dikasteri li huma assenjati lilu (Vol. XLI.ii.992);

4. Lill-konvenut Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern (recte Deputat Prim Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja) ġiet assenjata r-responsabbiltà dwar il-Qrati tal-Ġustizzja u l-Ħabs (Notifikazzjoni tal-Gvern numru 339 ta' l-1987);

5. Ir-rikors odjern jirrigwarda proprju dawn id-dipartimenti. Di fatti r-rikorrent ippremetta li l-kawża tiegħu quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-waqt li kienet ġiet differita għas-26 ta' Ġunju, 1989 għad-deċiżjoni limitatament dwar in-nullità o meno tas-sentenza appellata, f'dik id-data l-kawża ġiet deċiża fuq il-meritu, b'mod li r-rikorrent ma kellux l-opportunità jiddefendi ruħu u jipproduċi l-provi tiegħu dwar dak il-meritu. B'dik id-deċiżjoni r-rikorrent ġie kkundannat tliet snin priġunerija. Dan premess, ir-rikorrent qiegħed jitlob bħala rimedju speċifiku li d-deċiżjoni msemmija tiġi dikjarata nulla u bla effett;

6. Għalhekk l-intimat Onorevoli Deputat Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja għandu interess ġuridiku fil-proċedura preżenti. L-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali, mill-banda l-oħra, ma jidhirx li għandhom tali interess;

Rat a fol. 16 sa 21 ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern u għal kull interess li jista' jkollu l-Avukat Ġenerali, preżentat fit-13 ta' Marzu, 1990, li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie deċiż li l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern huwa l-leġittimu kontradittur u ġiet miċħuda l-eċċezzjoni prelimari sollevata minnu f'dan i-rigward, bl-ispejjez relattivi kontra tiegħu, u tiddeċiedi minflok billi tilqa' dik l-istess eċċezzjoni kif avanzata fir-risposta oriġinali ta' l-istess intimat appellant u kif elaborata u sostanzjata fl-appell, bl-ispejjez relattivi taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellant, u tikkonfermaha fir-rimanenti partijiet l-oħra fejn ġiet milqugħa l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati l-oħra;

Rat a fol. 23 tal-proċess ir-risposta ta' Simon Brincat għall-appell ta' l-intimati preżentata fit-30 ta' Marzu, 1990, li permezz tagħha fl-ewwel lok issottometta illi dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti għoġobha tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ta' l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u ddikjarat li huwa l-leġittmu kontradittur f'din il-kawża hija ġusta u timmerita konferma u fit-tieni lok iddikjara li kien qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-artikolu 240(1) tal-Kap. 12 billi ried jinterponi appell inċidentali u konsegwentement talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell

ta' l-intimat Onorevoli Viċi-Prim Ministru u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li ddikjaratu l-leġittmu kontradittur f'din il-kawża, tikkanċella u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu u tiddeċiedi li dawn huma leġittimi kontradittúri f'din il-kawża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel mhu ser jiġi deċiż huwa l-appell prinċipali ċjoè dak ta' l-intimati;

L-aggravji ta' l-intimati appellati huma dawn li ġejjin;

(a) Id-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Qorti fil-bidu, waqt u fl-aħħar ta' proċedimenti ġudizzjarju b'ebda mod ma huma marbuta ma' xi funzjoni ta' natura amministrattiva li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u ta' l-Intern għandhom taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta jew taħt xi liġi oħra;

(b) Mhumiex huma li għandhom jirrispondu quddiem il-Qrati meta jkun qiegħed jiġi allegat illi persuna ġiet imċaħħda mid-dritt li hija għandha għal "smigħ xieraq" minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi f'każijiet ta' aspetti ta' fatti li jixbhu lill dawk ta' din il-kawża u ta' dik fl-ismijiet "Lucien Stafrace noe et vs. Agent Reġistratur tal-Qrati et "

deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru, 1988;

(ċ) Dawn iż-żewġ Onorevoli intimati, bħala membri tal-esekuttiv, jirrispondu biss għal dawk l-atti tad-Dipartimenti li jaqgħu taħt l-amministrazzjoni partikolari ta' kull wieħed u m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-funzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fdata lill-Organu Ġudizzjarju ta' l-Istat - funzjoni li dana l-Organu jeżerċita bl-awtonomija li għandu u b'indipendenza sħiħa minn kull organu ieħor ta' l-Istat;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti diversament kostitwita fis-sentenza tagħha in re Stafrace noe et vs. Agent Reġistratur tal-Qrati et li għaliha ġa saret riferenza kienet stabbiliet is-segwenti prinċipji li kif ser jiġi muri għandhom japplikaw ukoll "mutatis mutandis" għall-każ preżenti. Il-prinċipji enunċjati f'dik is-sentenza huma dawn;

1. skond il-ġurisprudenza tagħna bbażata fuq id-dottrina Ingliża kull wieħed mill-Ministri tal-Gvern huwa kostitwit bħala organu awtonomu biex jiddiriġi d-dipartiment jew dipartimenti li għalihom ikun prepost kif ukoll biex jirrapreżenta l-Istat relattivament għall-funzjonament proprji ta' dak id-dipartiment jew ta' dawk id-dipartimenti; u għalhekk kull wieħed mill-Ministru huwa l-kap amministratur tad-dipartimenti li jidħlu fil-ministeru tiegħu; u quddiem il-Parlament u l-pubbliku huwa għandu r-responsabbilità kollha li tinteressa lill-Gvern fl-esplikament tal-funzjonijiet relattiva għal dawk id-dikasteri;

2. il-ministri huma kompriżi fil-kategorija ta' pubbliċi amministraturi, u bħala tali għandhom jiġu ritenuti persuni

leġittimi biex joqogħdu f'kawża li tinteressa dipartiment li jaqa' taħt il-ministeru tagħhom;

3. Kwistjoni rigwardanti n-nuqqas ta' imħallef u/jew imħallfin li jagħtu sentenza fi żmien xieraq skond ma trid il-Kostituzzjoni u skond ma trid il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem **ma taqax** fil-funzjonijiet tad-dipartiment li jidħlu fil-Ministeru tal-Ministru ċitat f'dik il-kawża ċjoè l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja;

4. Minħabba mhux biss li l-awtorità esekuttiva ta' l-Istat hija separata u distinta mill-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat iżda anki għax il-prinċipji tas-Separazzjoni tal-Poteri ta' l-Istat u ta' l-Indipendenza tal-Ġudikatura hekk jirrikjedu, Ministru anqas jekk hu l-Ministru tal-Ġustizzja u ta' l-Intern, ma jistax ikun leġittimu kontradittur f'kawża intiża *"inter alia"* biex il-Qorti tagħti ordni li sentenza f'kawża tingħata minnufih liema ordni, biex jiġi esegwit, mill-istess Onorabbli Ministru, ikun jimporta indħil fil-funzjonijiet ta' persuna li tifforma parti minn awtorità oħra, ċjoè l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent f'din il-kawża qiegħed jilmenta illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali bil-mod kif ittrattat miegħu vvjolatlu d-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq u d-dritt l-ieħor li jiddefendi ruħu fil-kawża kriminali promossa kontra tiegħu u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala l-Qorti li għandha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi talbiet konċernati allegat ksur tad-Drittijiet Fundamentali u Libertajiet tal-Bniedem biex tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk

id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom li tiddikjara li s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Ġunju, 1989 kontra tiegħu hija nulla u bla effett;

Issa hu ovvju li bil-mod kif hi konċepita l-azzjoni tar-rikorrent, l-intimat issa appellant Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja fuq il-bażi ta' l-istess prinċipji enunzjati fis-sentenzi msemmija ta' din il-Qorti ma jistax ikun leġittimu kontradittur f'din il-kawża peress illi li kieku kellhom jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti ma jistax jingħata ebda ordni x'jesegwixxi mingħajr ma jkun qiegħed jindaħal fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja li kif ġa spjegat hija mansjoni strettament riservata għall-Poter Ġudizzjarju ta' l-Istat. Dana apparti illi fiċ-ċirkostanzi partikolari assumendo għall-grazzja ta' l-argument li r-rikorrent għandu raġun f'kollox m'hemm xejn li l-viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja jista' legalment jirrimedja għalih;

Għalhekk din il-Qorti sejra takkolji l-appell prinċipali u tillibera lill-Onorevoli Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja mill-osservanza tal-ġudizzju u issa sejra tgħaddi biex tikkonsidra u tiddeċidi l-appell inċidentali tar-rikorrent Brincat;

Ikkunsidrat:

L-aggravji tar-rikorrent miġjuba fl-appell inċidentali tiegħu huma s-segwenti u ċjoè;

1. Illi l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi

li "Kull persuna f'Malta hija ntitolata għad-drittijiet fundamentali ta' l-individwu kif imsemmija fl-istess Kostituzzjoni. Issa ġie ormai deċiż b'mod kategoriku mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "L-Onorevoli Lino Debono vs Magistrat Dr. Michael Mallia" li stante l-awtonomija tagħhom, l-imħallfin ma jistgħux jiġu soġġetti personalment għal azzjonijiet ġudizzarji;

2. Illi għalhekk l-istanza odjerna bilfors kellha tiġi magħmula u versata kontra l-Istat;

3. Illi oltre dan huwa punt aċċettat mill-awturi fuq il-materja illi f'kawżi fejn ikun qed jiġi allegat xi ksur kontemplat fil-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, dawn ma jistgħux jiġu versati kontra xi individwi partikolari iżda dejjem kontra l-istat u dan minħabba l-fatt li huma l-istati firmatarji ta' l-istess Konvenzjoni li ntrabtu li jiggarantixxu d-drittijiet hemm kontenuti;

4. Illi in effetti huwa l-Prim Ministru bħala l-għola uffiċjal Governattiv li jippreżenta l-istat u għalhekk għandu jirrispondi f'din il-kawża;

5. Illi l-Avukat Ġenerali li huwa l-"*Prosecuting Officer*" f'din il-kawża ġie mħarrek għall-integrità tal-Ġudizzju stante li huwa parti fil-kawża u l-interess tiegħu mhux kontestat;

6. Ikkunsidrat:

7. Illi fil-fehma tagħha l-pożizzjoni ta' l-Avukat Ġenerali f'din il-kawża hija simili ħafna għal dik tal-Kummissarju tal-

Pulizija fil-kawża "Onor. Lawrence sive Lorry Sant vs. Kummisarju tal-Pulizija" deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' April, 1990. Infatti f'dik il-kawża din il-Qorti kienet ikkonsidrat illi l-kwistjoni sollevata mill-Onorevoli Sant in sede kostituzzjonali kienet tirreferi għall-proċeduri kriminali inizjati kontrih mill-Kummisarju tal-Pulizija li allura kien il-leġittimu kontradittur tiegħu f'dawk il-proċedura u għalhekk kien isegwi li anki fil-proċeduri kostituzzjonali l-Kummissarju tal-Pulizija kien leġittimu kontradittur tiegħu;

Fil-każ preżenti, il-lanjanza tar-rikorrent in sede kostituzzjonali tirreferi għal dak li ġara fil-kors tas-smigħ ta' l-appell Kriminali li huwa interpona kontra sentenza kontrih mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fit-termini tal-Kodiċi Kriminali, għalhekk, billi l-prosekuzzjoni fl-istadju ta' l-appell, kemm jekk l-appell isir minnha kif ukoll jekk isir mill-imputat, hija fdata f'idejn l-Avukat Ġenerali, il-leġittimu kontradittur ta' l-imputat fl-appell imsemmi kien appunt l-Avukat Ġenerali. Isegwi għalhekk, illi peress illi dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa dirett u intiż biex jagħmel stat fil-konfront ta' l-Avukat Ġenerali, l-istess Avukat Ġenerali huwa kontradittur leġittimu tiegħu anki f'din il-kawża ta' indoli kostituzzjonali. Jista' jiġi, għal mument, objettat illi l-appell Kriminali kwantu jirrigwarda l-Avukat Ġenerali spiċċa u m'għax għandu interess fih. Din l-objezzjoni, però, issib risposta fil-fatt illi ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ huma tali illi jekk it-talbiet tar-rikorrent jiġu milqugħa l-effetti ta' tali deċiżjoni ma jistgħux ma jolqtux lill-istess Avukat Ġenerali. Il-parti relattiva ta' l-appell inċidentali tar-rikorrent rigwardanti l-Avukat Ġenerali, għalhekk, ser tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali kwantu jirrigwarda lill-Onorevoli Prim Ministru;

Illi din il-Qorti diġà kellha diversi okkażjonijiet tesprimi ruħha fuq il-figura tal-Prim Ministru fis-sens li mill-artikolu 181 tal-Kap. 12 jidher li rpoċeduri ġudizzjarja ċertament jistgħu jiġu istitwiti anki kontra tiegħu. Fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Lulju, 1985 in re: "Rita Portelli *vs* Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari *et*" din il-Qorti kienet ukoll affermat, anki fuq l-istorja ta' sentenza preċedenti, illi l-Prim Ministru huwa l-persuna li jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta fil-kolletività tiegħu u għalhekk huwa wkoll azzjonabbli in rappreżentanza ta' l-istess Gvern;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni u wara li kkonsidrat anki dak li affermat fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru, 1989 in re: "Carmelo sive Charles Buttigieg *vs* Albert Mizzi *noe*" u ċjoè, li għal allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali huwa azzjonabbli l-Itata salv dak li hemm eċċettwat taħt il-Kostituzzjoni waslet għall-konklużjoni li l-Prim Ministru li kif ingħad jirrappreżenta lill-Gvern ta' Malta fil-kolletività tiegħu huwa azzjonabbli f'każijiet simili. L-istat, infatti jittratta maċ-ċittadin taħt forma ta' Gvern u kif ingħad ir-responssabbilità tal-Gvern f'sens kollettiv jerfagħha l-Prim Minstru. S'intendi f'diversi każijiet jista' jkun hemm persuni pubbliċi oħra li jistgħu jkunu azzjonabbli kif ġie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha in re "Stafrace *noe vs* Aġent Reġistratur tal-Qrati *et*" *sup. cit.* u fis-sentenzi l-oħra li fiha hemm riferenza għalihom;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell ta' l-intimati billi tilqa' kemm l-appell prinċipali kif ukoll dak inċidentali u konsegwentement tirriforma s-sentenza billi tirrevokaha fjen ċaħdet l-eċċezzjoni msemmija ta' l-Onorevoli Viċi Prim Ministru

u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja bl-ispejjeż kontra tiegħu u minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u konsegwentement tillibera lill-istess intimat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż relattivi ta' l-ewwel istanza a kariku tar-rikorrent u billi tirrevokaha fejn laqgħet l-eċċezzjoni msemmija sollevata mill-intimat Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent billi minflok tiċħad l-istess eċċezzjoni sollevata minnhom bl-ispejjeż relattivi ta' l-ewwel istanza kontra tagħhom. L-ispejjeż ta' l-appell prinċipali jkunu a kariku tar-rikorrent appellat mentri dawk ta' l-appell inċidentali jkunu a kariku ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali. Fl-aħħarnett tibgħat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.